MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 30

30 ta' Diċembru 2014

Minuti tas-seduta Nru. 30 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta, 30 ta' Diċembru 2014.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha. L-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ Erica Galea ma attendietx is-seduta.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament permezz tal-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier E. Bartolo qajjem *point of order* **(Ref: K/1/8/Vol II)** dwar kumment li kien għadda fis-seduta preċedenti li l-aġenda tas-seduta Nru. 29 ġiet mgħoddija lill-Kunsillieri dakinhar tas-seduta fid-9 ta' Diċembru 2014, mhux skont kif stipulat fl-ordnijiet permanenti – ħamest-ijiem qabel. Huwa talab li dan jiġi reġistrat fil-minuti.

1.2. Is-Segretarju fakkar li fis-seduta ta' qabel huwa kien spjega li l-aġenda ma ntbagħtitx min-naħa tiegħu bi żvista, għaliex fil-fatt din kienet lesta meta ntbagħtu l-minuti tas-seduta Nru. 28. Fil-fatt id-dokumenti kollha relatati mal-aġenda in kwistjoni ġew mgħoddija kollha, kif jista' jixhed il-Kunsill kollu. Is-Sur C. Debono fakkar, li fis-seduta preċedenti, huwa kien appella lis-Sur E. Bartolo li seta' ġibidlu l-attenzjoni, permezz ta' telefonata, imejl jew messaġġ, u ma jħallix dan il-punt proprju għal waqt is-seduta. Huwa qal li din kienet xi ħaġa aċċidentali għaliex konxju x'jgħidu l-ordnijiet permanenti. Kompla jgħid li dan il-punt ma ssemmiex fil-minuti tas-seduta Nru. 29, peress li huwa kellu l-impressjoni li l-Kunsillier E. Bartolo kien sodisfatt bit-tweġiba verbali li huwa ngħata, iżda min-naħa l-oħra ma jsib l-ebda problema biex jirreġistra l-osservazzjoni li għamel is-Sur E. Bartolo, sakemm tkun akkumpanjata bit-tweġiba tiegħu.

1.3. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 7.5. (Ref: K/6/11) tas-seduta preċedenti u talab li din tinqara kif ġej:

> *"1.4. Il-Kunsillier E. Bartolo reġa' intervjena billi qal li ma jistenniex li Green MT taċċetta l-kundizzjoni proposta fil-minuta 7.4., partikularment billi ser jinvestu fil-bdil tal-"igloos" kollha biex minflokom isiru skips fuq ir-roti. Huwa qal ukoll li għandha titħallas is-somma dovuta lill-Kunsill qabel jiġi ffirmat il-ftehim.".*

1.4. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 29 bl-emendi t'hawn fuq, u għaldaqstant s-Segretarju ġie mitlub jippubblikahom fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Presepju ħaj f'Selmun (A/5/3/6/Vol IV)

2.1.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.7.1 tas-seduta ta' qabel u kkummentat li l-inizjattiva msemmija li seħħet fis-27 u t-28 ta' Diċembru 2014, kienet suċċess għaliex attendew diversi nies. Hija qalet li dan jawgura tajjeb għat-tmexxija tal-*heritage trail* ta' Selmun u l-Imġiebaħ.

2.1.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li l-pubbliċita` li ngħatat fil-gazzetti mill-Fondazzjoni ARKEO, kif ukoll fil-fuljetti dwar l-attivitajiet tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena mqassma mill-Kunsill taw riżultati tajbin.

2.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Attivajiet abbinati mal-Milied (A/5/3/7)

2.2.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 8.1. tas-seduta preċedenti u qalet li kien hemm 225 tifel u tifla li nkitbu għall-*party* tal-Milied tal-20 ta' Diċembru 2014, li 200 minnhom attendew. Hija għarrfet ukoll li għall-attivita` tal-anzjani tal-21 ta' Diċembru attendew madwar 100 anzjan, li fil-parti l-kbira minnhom huma residenti f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Proġett LEAP! (A/8/3)

2.3.2. Il-Kunsillier J. Attard aċċenna għall-minuta 2.3.2. tas-seduta ta' qabel u għarraf li sat-30 ta' Diċembru 2014, il-Kappillan kien għadu ma nnominax persuna sabiex jirrappreżenta l-Mellieħa fuq il-kumitat regjonali tal-Proġett LEAP.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti filwaqt li qabel li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-Kappillan sabiex tiġi nominata persuna fuq il-kumitat imsemmi.

### 2.4.1. Parteċipazzjoni fl-avveniment Bethlehem f'Għajnsielem (A/5/5/Vol VII)

2.4.2. Is-Sindku għarraf li kienu ffinalizzati l-arranġamenti mal-Kunsill Lokali ta' Adenau, dwar l-akkomodazzjoni u l-loġistika għaż-żjara li ser issir f'Cologne bejn l-1 u t-3 ta' Jannar 2015, minn fejn ser jibda l-vjaġġ tas-Slaten Maġi li ser jintemm f'Għajnsielem fl-4 ta' Jannar. Is-Sur J. Buttigieg qal li flimkien miegħu ser jattendi l-Kunsillier E. Bartolo. Il-ħlasijiet involuti ser isiru lill-Kunsill Lokali tal-Għajnsielem. Huwa qal ukoll li l-kumitat organizzativ sejjaħ konferenza stampa l-Ħadd 28 ta' Diċembru 2014 f'Għajnsielem, li kien hemm attendenza tajba għaliha minn diversi ġurnalisti.

2.4.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo spjega li, kif sar fl-edizzjoni preċedenti l-Maġi se jitilqu mill-ajruport riekbin iż-żwiemel u jkomplu l-vjaġġ sa Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata, minn fejn jergħu jirkbu ż-żwiemel sa Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa. Wara waqfa jerġgħu jitilqu fi triqthom lejn iċ-Ċirkewwa b'waqfa qasira fis-Seabank Hotel fl-Għadira. Huwa qal ukoll li flimkien mal-Maġi ser ikun hemm il-Fjamma tal-Paċi li nġiebet mill-Art Imqaddsa.

2.4.4. Il-Kunsill approva l-parteċipazzjoni fl-attivita` tal-Maġi u l-ispejjeż marbuta mal-kiri taż-żwiemel, kif ukoll il-biljetti tal-ajru msemmija fil-minuta 2.4.2., flimkien mat-trasport minn Brussell sa Adenau u lura.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 26/12/14;
- Skeda ta' Pagamenti – 05/12/14 – 27/12/14;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Baġit – Attivita` tal-Ewwel tas-Sena 2015;
- Estimi 2015 – It-Tieni Abbozz

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Ħatt u tagħbija fi Triq San Ġużepp (T/4/13/Vol XII)

4.1.2. Saret referenza għal imejl datat 12 ta' Diċembru 2014, mibgħut mis-Sinjura E. Cutajar Debono fejn ilmentat li spiss qed tiġi mblukkata t-triq imsemmija biex isir ħatt u tagħbija ta' merkanzija f'ħanut li jinsab bejn Triq San Ġorġ u Triq San Mikiel. Hija lmentat ukoll li jkun hemm sidien ta' vetturi li jirrifjutaw illi jċaqalqu l-vetturi tagħhom u għalhekk it-triq tkun imblukkata għal ħinijiet twal.

4.1.3. Is-Sindku qal li huwa kien kkonsulta mas-Supretendent tal-Pulizija Martin Bayliss fuq din il-materja, li min-naħa tiegħu ssuġġerixxa li jsiru: (a) *parking bays* faċċata tal-ħanut; (b) linji sofor fuq in-naħa tal-ħanut; u (ċ) Triq San Ġużepp issir *one-way* bi dħul minn Triq San Mikiel biss.

4.1.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuta 4.1.3. u għalhekk talab li jsiru rappreżentazzjonijiet ma' Transport Malta.

### 4.2.1. PC 0026/14 – Triq ġdida bejn Dawret it-Tunnara u Triq il-Qarnit (P/5/8/Q)

4.2.2. Saret referenza għall-imejl datat 15 ta' Diċembru 2014, mibgħuta mill-MEPA, fejn sid ta' art li tinsab fil-post indikat qed jitlob li t-triq skemata titneħħa biex tkun tista' tinbena.

4.2.3. Il-Kunsill oġġezzjoni għal din it-talba, peress li d-distanza bejn Triq is-Sajjieda u Triq it-Trill hija konsiderevoli u għalhekk minħabba raġunijiet ta' aċċess jagħmel sens li jkun hemm traversa oħra bejn l-istess toroq. Il-Kunsill kien tal-fehma li kemm-il darba tintlaqa' talba ta' din ix-xorta, ikun qed jinħoloq preċedent li ċertament jagħti lok għal talbiet simili, anke fl-istess żona.

### 4.3.1. Parteċipazzjoni fi proġett dwar turiżmu ntern (P/10/1/Vol IV)

4.3.2. Saret referenza għall-imejl datat 29 ta' Diċembru 2014, mibgħut mill-Munċipalitajiet ta' Pargauja u Rauna fil-Latvia fejn il-Kunsill intalab jissieħeb fil-proġett imsemmi li ser issir applikazzjoni għall-finanzjament tiegħu taħt il-Miżura 2.2 – *Networks of Towns – tal-Programm Europe for Citizens* amministrat *mill-Education, Audiovisual and Culture Executive Agency* tal-Unjoni Ewropea. Ġie spjegat li l-proġett jinvolvi *branding*, gastronomija u kultura. Ikun mistenni li kull parteċipant jorganizza konferenza f'pajjiżu. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li qed isir kuntatti sabiex jinstabu msieħba oħra mill-Italja, u minn Norveġja.

4.3.3. Is-Sindku kkummenta li uffiċjali mill-municipalitajiet ta' Rauna u Pargauja kienu preżenti għas-*Sagra Del Calzone* f'Aquaviva Delle Fonti fl-Italja f'Ottubru 2014, fejn kienu ġew diskussi opportunitajiet dwar aktar tisħib fi proġetti bejn il-Mellieħa u kunsilli lokali mill-Latvia.

4.3.4. Il-Kunsill qabel li għandu jissieħeb fil-proġett deskritt fil-minuta 4.3.2.

### 4.4.1. Tismija ta' taraġ bejn Triq il-Ħlewwa u x-Xatt ta' Santa Marija ' (T/4/1/Vol II)

4.4.2. Saret referenza għal ittra datata 18 ta' Diċembru 2014, mibgħuta mill-La Salle Retreat Centre sabiex it-taraġ imsemmi jingħata isem uffiċjali biex wieħed ikun jista' jirreferi għalih. Ġie propost li dan jissemma "Taraġ il-Brothers ta' De La Salle".

4.4.3. Il-Kunsill approva t-talba u għalhekk talab li jsiru rappreżentazzjonijiet mal-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq.

### 4.5.1. Ipparkjar fi Triq Dun Franġisk Sciberras k/m Triq Sammy Bartolo (T/3/2/Vol XII)

4.5.2. Saret referenza għal imejl datat 25 ta' Diċembru 2014, mibgħut mis-Sur Mario Caruana li għandu garaxx fil-post imsemmi li quddiemu hemm *parking bay* bajda. Minħabba l-istess raġuni, s-Sur Caruana lmenta li qed isib diffikulta` biex jużaħ minħabba vetturi li jkunu pparkjati fl-istess *parking bay*.

4.5.3. Il-Kunsill qabel li l-*parking bay* indikata bl-linji bojod, quddiem il-garaxx in kwistjoni għandha tiġi mibdula bl-linji sofor doppji, skont it-tweġiba mogħtija minn Transport Malta lis-Sur Caruana, bid-data tas-26 ta' Diċembru 2014

### 4.6.1. Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali 2014-2015 (F/1/7/Vol III)

4.6.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-Memo 27/2014 mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar is-suġġett t'hawn fuq. Huwa spjega li l-iskema mnedija din is-sena tinvolvi d-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu, kif ukoll il-Fondazzjoni Valletta 2018. Din hija mmirata biex tinċentiva lill-Kunsilli Lokali sabiex jieħdu inizjattivi favur l-iżvilupp kulturali billi, fost oħrajn jippromwovu attivitajiet artistiċi kulturali bis-sehem ta' artisti, artiġġjani u għaqdiet kulturali lokali. Għaldaqstant qed isir enfasi qawwi fuq kif dawn l-attivitajiet jistgħu jgħinu lil-lokalitajiet jibnu programm kulturali li jwassal għas-sena meta Malta u Għawdex ser ikunu qed jospitaw il-Belt Kulturali Ewropea 2018. Is-Sur C. Bartolo spjega li bil-linji gwida riveduti, il-Kunsill jista' jibbenefika sa massimu ta' €15,000 fuq kull attivita. L-applikazzjoni li ġiet sottomessa saret fuq l-Iljieli Mellieħin 2015 u l-Avveniment tal-Ewwel tas-Sena 2016.

4.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 26 ta' Diċembru 2014.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-isemmija skeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet ukoll skeda tal-pagamenti li tkopri bejn il-5 u s-27 ta' Diċembru 2014.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskedi u għaldaqstant kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

### 7.1. Kuntratt dwar il-Ġbir tal-Iskart Imħallat (K/6/2/Vol IV)

7.2. Is-Segretarju rrefera għad-deċiżjoni li ttieħdet fis-Seduta 28 tal-25 ta' Novembru 2014 dwar rappreżentazzjonijiet li għandhom jsiru mad-Dipartiment tal-Kuntratti rigward l-*award criteria* tal-kuntratt imsemmi. It-tweġiba tad-Dipartiment, datata 17 ta' Diċembru 2014 kienet tgħid li:

- Il-kriterji kollha ta' natura kwalitattiva, bħalma hija l-esperjenza, *subcontracting*, il-makkinarju jew inġenji, in-numru ta' ħaddiema eċċ, għandhom jiġu evalwati biss bħala tali u m'għandhomx jiġu trattati bħala *contract award criteria*.
- Qed jingħad ukoll li fin-natura tiegħu, is-servizz mitlub mhux daqshekk kompless li jirrikjedi proċess ta' evalwazzjoni bil-MEAT u għaldaqstant l-aħjar soluzzjoni hija li l-kuntratt jingħata lill-offerent li joffri l-irħas prezz.

7.3. Is-Sur C. Debono kkummenta li l-*award criteria* illi hemm fil-kuntratt li skada kienu ġew mgħoddija mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Kuntratti u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, erba' snin qabel. Minn dakinhar sal-lum ma ngħataw ebda struzzjonijiet biex dawn jew xi parti oħra mid-dokument tal-offerta tinbidel, u għalhekk irrispettivament minn dak li ntqal fl-imejl tas-17 ta' Diċembru 2014, il-kriterji oriġinali għandhom jinżammu. Is-Segretarju rrimarka wkoll li fl-istess imejl ma hemm l-ebda referenza dwar jekk għandhomx jinżammu d-diversi klawsoli li jirrigwardaw is-*subcontracting vis-a-vis* ċ-ċirkulari maħruġa mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru dwar ix-xogħol prekarju fil-każ ta' kuntratti li jinvolvu servizzi.

7.4. Il-Kunsill qabel li għandhom jinżammu l-*award criteria* skont kif ġew emendati minnu f'seduti preċedenti.

### 8.1. Estimi Finanzjarji 2015 (F/1/26)

8.2. Is-Segretarju qal li mis-seduta preċedenti huwa kompla jaġġorna l-estimi, peress li kien hemm diversi żviluppi f'dak li huma kontijiet li daħlu, fosthom dwar il-*culverts* ta' Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier, il-proġett tal-Għajn tal-Mellieħa, ir-*refurbishment* tal-

estesnjoni tal-uffiċċju u diversi xogħlijiet ta' manutenzjoni fit-toroq. Huwa qal ukoll li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali għarraf li l-allokazzjoni annwali ser tammonta għal €1,044,287 – żieda ta' 3.4% fuq tas-sena preċedenti.

8.3. Is-Sindku kkummenta li l-vot 3370 tal-Attivitajiet Kulturali qiegħed għoli wisq fil-livell ta' €115,000 u ppropona li dan jinżel għal €90,000, biex id-differenza ta' €25,000 tmur għaf-favur tal-vot 7520 dwar il-proġett ta' Misraħ il-Parroċċa tal-Manikata.

8.4. Is-Segretarju spjega li l-vot 3370 li jammonta għall-€115,000 ġie ibbażat fuq l-attivitajiet u inizjattivi li jsiru fuq bażi annwali u kien kompost kif jidher hawn taħt:

| **Attivita`** | **Estimu (€)** |
|---|---|
| Servizzi mitluba mill-għaqdiet mużikali | 6,375 |
| Attivitajiet organizzati flimkien ma' għaqdiet oħra | 6,000 |
| Jum l-Omm | 1,000 |
| Jum l-Ambjent | 1,500 |
| Festa' ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ | 3,500 |
| Car Free Day | 1,000 |
| Festival Internazzjonali tal-Mużika | 11,000 |
| Iljieli Melleħin | 23,000 |
| L-Ewwel tas-Sena | 34,000 |
| Jum il-Kunsill | 9,000 |
| Attivita` tal-Epifanija | 1,700 |
| Attivita` dwar l-Apprezzament tal-Annimali | 1,000 |
| Attivitajiet li jsiru ta' darba | 5,000 |
| Tiżjin ta' toroq fl-okkażjoni tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena | 10,054 |
| **Total** | **114,129** |

8.5. Il-Kunsill qabel mat-tnaqqis u r-rijallokazzjoni proposti mis-Sindku fil-minuta 8.3.

8.6. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni, li l-Kunsill issa jrid jiddiskuti liema attivitajiet ser ikunu affettwali mit-tnaqqis maqbul.

8.7. Is-Sur J. Buttigieg irrakkomanda wkoll li €31,000 mill-vot 7220 dwar id-Dwal Ġodda fit-Toroq, għandu jitneħħew biex jerġa jiġi rijattivat il-vot 7507 dwar il-Proġett ta' Misraħ il-Parroċċa tal-Mellieħa. Is-Sindku spjega li l-intenzjoni hija sabiex isir titjib fil-pjazza u Triq il-Parroċċa, li fost oħrajn ikun jikkonsisti fl-introduzzjoni ta' dwal ornamentali li jmorru maċ-ċentru storiku.

8.8. Il-Kunsill laqa' din il-proposta.

8.9. Ġie deċiż ukoll li l-laqgħa annwali tal-lokalita` għandha ssir nhar it-Tnejn 19 ta' Jannar 2014 fl-uffiċċju tal-Kunsill, filwaqt li ssir oħra fl-20 ta' Jannar fis-Sala Parrokkjali tal-Manikata.

## 9.1. Tħejjijiet għall-attivita` tal-Ewwel tas-Sena 2015 (F/1/25)(A/5/3/7)

9.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 9.2. tas-seduta preċedenti u qal illi jixtieq jippreċiża li fir-rigward tal-attivita` imsemmija kien hemm dħul ġej mill-Premju Nazzjonali għas-Sapport lill-Intrapriżi li jammonta għal €4,000, illi bi żvista ma' ġiex inkluż fir-rendikont. Huwa fakkar li l-ammont totali kien jammonta għal €10,000, illi €6,000 diġa tħallsu, filwaqt li l-bqija għandhom jintalbu wara li sseħħ l-attivita` tal-Ewwel tas-Sena billi dan l-avveniment kien inkluż fin-nominazzjoni. Għaldaqstant ir-rendikont għandu jiġi rivedut kif ġej:

| **Dħul:** | |
|---|---|
| Skema Attivitajiet | 5,000.00 |
| Premju Nazzjonali Sapport lill-Intraprizi (parti) | 4,000.00 |
| | 9,000.00 |
| **Ħruġ** | |
| *Projectors* | 4,500.00 |
| Logħob tan-Nar | 3,500.00 |
| Projezzjonijiet | 4,500.00 |
| Fotografu | 250.00 |
| Arranġamenti Mużikati | 3,500.00 |
| Palk, dwal u *audio* | 4,500.00 |
| DJs | 500.00 |
| Tqassim ta' fuljetti bil-programm | 875.00 |
| Pubbliċita` | 4,190.00 |
| *Artwork* & stampar tal-fuljetti | 2,415.00 |
| Stampar tal-*billboard* u twaħħil fil-post | 330.40 |
| Servizz ta' żewġ preżentaturi | 400.00 |
| Servizzi mużikali oħra | 200.00 |
| Spejjeż oħra li jistgħu jinqalgħu | 1,000.00 |
| | 30,660.40 |
| **Spiża netta** | **-€21,660.40** |

9.3. Il-Sur C. Bartolo rrefera wkoll għall-minuta 9.6. tas-seduta preċedenti u għarraf li saret evalwazzjoni tal-istimi dwar il-logħob tan-nar, il-kiri tat-tagħmir meħtieġ, l-arranġamenti mużikali u l-projezzjonijiet. Wara li għalqet is-sejħa fil-11 ta' Diċembru 2014, ġie verifikat li dawn ikopru r-rekwiżiti kollha, u skont id-deċiżjoni li ttieħdet fis-seduta preċedenti, ġie rakkomandat li jinħarġu *purchase orders* għab-bażi tal-prezz, kif indikat fil-*Purchase Request Form* sottomessa mal-aġenda tas-seduta, ossija kif jidher hawn taħt:

| Servizz Mitluba | Prezz Stmat | Kuntrattur |
|---|---|---|
| Logħob tan-Nar u Servizzi Piroteknići | 3,500.00 | Ghaqda tan-Nar Maria Bambina |
| Arranġamenti mużikali u disinn tas-sound | 2,500.00 | Mr Sean Vella |
| Kiri tal-palk, dwal u tagħmir tal-audio | 4,470.00 | The AV Warehouse Ltd |
| Projezzjonijiet - *Storyline* u *Artwork* | 4,500.00 | Mr Paul Camilleri |
| Kiri ta' *projectors* | 4,597.00 | Studio Seven |

9.4. Il-Viċi Sindku kompla jispjega li Studio Seven oriġinarjament ikkwotaw prezz ta' €4,980, iżda wara naqqsuħ għall-€4,597.28. Dan sar billi ma kienx hemm offerenti oħra li kkwotaw għall-istess servizz. Huwa qal ukoll li kemm-il darba, jkun hemm indikazzjonijiet li ser jitqawwa r-riħ, għal raġunijiet ta' siġurta` ikun meħtieġ li jiġi nfurzat l-*iscaffording* bi spiża addizzjonali ta' €380.

9.5. Is-Sur C. Bartolo ppropona li l-preżentaturi jkunu Janice Bartolo u Dylan Farrel, filwaqt li r-*running order* tal-programm tkun kif ġej:

| | |
|---|---|
| 21.00 - 21.10 | Żewġ kanzunetti minn Maya Cassar |
| 21.10 - 22.30 | *Disk Jockey* Charles Field |
| 22.30 - 22.45 | Messaġġ mis-Sindku u l-Kunsillieri minn fuq il-palk |
| 22.45 - 23.00 | Kant mill-kor tat-tfal immexxi minn Annabelle Vella |
| 23.00 – 23.45 | Daqq mill-vjolinista Maria Cini flimkien ma DJ Charles Field segwit mill-qari tal-poezija "L-Ewwel tas-Sena 2015" ta' Trevor Zahra |
| 23.55 – 00.05 | Projezzjonijiet u wirja ta' logħob tan-nar minn Paul Camilleri/Sean Vella u l-Għaqda tan-Nar Maria Bambina |
| 00.05 – 01.30 | *Disk Jockey* Jo C |

9.6. Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjonijiet imressqa fil-minuti 10.3, 10.4, u 10.5.

**10.1. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill 2015 (A/5/3/1/Vol XIV)**

10.2. Is-Sindku qal li huwa tal-ideja li Jum il-Kunsill jiġi trasferit mix-xitwa għas-sajf biex isir fil-ftuħ tal-Iljieli Melleħin. Dan bil-għan li s-serata, li s'issa dejjem saret ġo sala, tibda ssir f'post fil-beraħ, bħalma hija l-Bitħa tas-Santwarju. Huwa qal li s-serata li fiha jiġu mogħtija l-onorefiċenzi tqanqal ċertu nteress fost ir-residenti u għalhekk kullħadd għandu jingħata l-opportunita` li jattendi. Huwa qal li xorta waħda jkunu jistgħu jinħarġu inviti kif kien isir qabel.

10.3. Il-Kunsillieri qablu ma' din il-proposta b'mod unanimu.

**11.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku J. Buttigieg illi tgħid:**

**"Billi r-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) 6(1) u 19(1), kif emendati bl-Avviżi Legali 127/98, 89/2000, 64/2001 u 282/05 jipprovdu għall-ħlas ta' *performance bonus* lill-impjegati tal-Kunsill; u**

**Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2014 ġiet ivvutata somma għal dan il-għan, filwaqt li jidher illi ngħata servizz sodisfaċenti mill-uffiċjali Jonathan Micallef, Yvonne Muscat, Marvic De Bono, Marica Azzopardi Gambin u Carmel Debono, matul is-sena 2014, skont ma' jirriżulta mill-*Performance Appraisal Report* li ġie mħejji skont l-Iskeda A, tal-imsemmija regolamenti;**

**Billi jirriżulta wkoll li l-uffiċjal fis-Servizz Ċivili – Stephen Borg – impjegat mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u assenjat mal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa matul is-sena 2014 irrenda servizz fuq il-livelli tal-impjegati l-oħra msemmija skont ma' jirriżulta mill-*Performance Appraisal Report* tiegħu;**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi fl-aħħar ta' Diċembru 2014, is-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati l-oħra msemmija għandhom jitħallsu l-perċentwali ta' 10% u 6%, rispettivament, bħala *performance bonus*, maħdum fuq is-salarji bażiċi rispettivi mħallsa sa l-aħħar tal-istess xahar.". (Wages)**

11.2. Is-Sindku qara l-*Performance Appraisal Reports* tal-impjegati msemmija, filwaqt li qamet diskussjoni dwar l-aspetti partikulari li spikka fil-ħidma tal-istess persuni matul l-2014. Il-Kunsill osserva wkoll li fil-każ tas-Segretarju Eżekuttiv, il-ħlas tal-*performance bonus* jeħtieġ jiġi approvat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali skont il-proċedura stabbilita.

11.3. Il-Viċi Sindku ressaq mozzjoni li temenda t-tielet paragrafu tal-mozzjoni sabiex tinqara kif ġej:

**"Billi jirriżulta wkoll li l-uffiċjal fis-Servizz Ċivili – Stephen Borg – impjegat mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u assenjat mal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa matul is-sena 2014 irrenda servizz skont ma' juri l-*Performance Appraisal Report* tiegħu;"**

11.4. Il-Kunsillier E. Bartolo ssekonda l-mozzjoni tal-emenda skont il-minuta 11.3.

11.5. Il-Kunsill approva l-mozzjoni kif emendata, wara li din ġiet issekondata mill-Kunsillier H. Fenech.

### 12.1. Użu tal-faċilitajiet fis-Sala tal-Komunita` (S/3/7/Vol IV)

12.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għar-rappreżentazzjoni tal-pantomima li ttellgħet mill-Mellieħa Youths fis-Sala tal-Komunita` fl-Iskola Primarja fis-27 ta' Diċembru 2014. Huwa aċċenna għad-diskors illi sar mis-Sinjorina Louise Cini fejn saret referenza għall-problemi li sabu biex ittellgħet din l-attivita` billi ċertu apparat ma tħalliex aċċess għalih. Is-Sur E. Bartolo jidher li dan qed jiġi kkawżat minn piki personali.

12.3. Is-Sindku kkummenta li huwa kien preżenti meta sar dan id-diskors u aktar tard tkellem mas-Sur Carmelo Bartolo, il-President tal-Kunsill Skolastiku. Is-Sur J. Buttigieg qal li f'dawn it-tip ta' sitwazzjonijiet, wieħed irid ikun kawt u jisma ż-żewġ naħat qabel jasal għal xi konklużjoni. Huwa qal li filwaqt illi l-awtoritajiet tal-iskola għandhom jħallu aċċess għas-sala u l-faċilitajiet li hemm magħha għall-għaqdiet tal-lokalita`, wieħed irid jifhem ukoll li l-amministrazzjoni tal-iskola ma tistax ma tiħux miżuri meta tkun affaċċjata b'ċerti sitwazzjonijiet, partikularment dawk relatati mas-sigurta' tal-istess skola. F'dak li jirrigwarda lill-Kunsill Lokali, huwa ma jarax li l-Kunsill għandu jibqa' jikkontribwixxi għat-titjib fl-attrezzi tas-Sala tal-Komunita` qabel jiġu stabbiliti arranġamenti dwar l-użu tagħha, li jkunu aċċettabbli għal kull min jeħtieġlu jagħmel użu minnha. Is-Sur J. Buttigieg talab li ssir laqgħa mal-Kunsill Skolastiku bil-għan li tiġi diskussa din il-materja.

### 13.1. Proġett *"Bringing the EU Closer to the Local Communities"* (P/10/24)

13.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-proġett imsemmi u għarraf li ġiet sottomessa talba lill-Kumitat dwar il-Kofinanzjament ta' Proġetti tal-Unjoni Ewropea, bil-għan li tiġi rkuprata parti mis-somma li ħareġ il-Kunsill fl-istess proġett. Huwa fakkar li l-proġett kollu sewa €33,920, filwaqt li €13,000 biss ġew irkuprati mill-*Education, Audiovisual and Culture Executive Agency* tal-Unjoni Ewropea taħt il-programm *Europe for Citizens.*

13.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 14.1. Arloġġi tal-elettriku u l-ilma fit-Torri l-Abjad (A/6/7/1)

14.2. Is-Segretarju għarraf li fit-23 ta' Diċembru 2014 saret żjara fit-Torri l-Abjad sabiex jinqraw l-arloġġi tal-elettriku u l-ilma. Irriżulta li wieħed mill-bibien kien miftuħ, filwaqt li l-arloġġi ma kinux hemm. Sussegwentement sar kuntatt mal-Inġinier tad-Distrett tal-Enemalta bil-għan li jiġi stabbilit dwar jekk l-arloġġ tal-elettriku kienx inqala' mill-Enemalta bħala parti mill-eżerċizzju li sar fil-*boathouses* ġewwa l-Aħrax. Irriżulta li dan ma kienx il-każ. Għaldaqstant sar rapport fl-Għassa tal-Pulizija tal-Mellieħa. Huwa staqsa jekk ir-rapport għandux jiġi mgħoddi lill-ARMS Ltd u jekk għandhomx isiru applikazzjonijiet sabiex jingħata s-servizz mill-ġdid.

14.3. Il-Kunsill iddeċieda li l-ARMS Ltd għandha tiġi nfurmata uffiċjalment u jintbagħat kopja tar-rapport tal-Pulizija. Minħabba l-istat li jinsab fih il-post, ġie deċiż li m'għandhomx jintalbu ebda servizzi f'dan l-istadju.

### 15.1. Proġett għat-tfal dwar ix-Xjenza fil-Mellieħa (S/3/1/Vol II)

15.2. Is-Sindku għarraf li huwa ġie avviċinat minn uffiċjali tad-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulum fid-Diviżjoni tal-Edukazzjoni dwar inizjattiva li ser tinvolvi t-tfal tas-sitt sena, li jattendu l-Iskola Primarja. Din toħroġhom mill-bini tal-istess skola biex imorru f'postijiet fil-qalba tal-Mellieħa biex jittrattaw suġġetti marbuta max-xjenza u l-matematika. Biex jiffaċilita` l-eżerċizzji li jridu jagħmlu t-tfal, jeħtieġ li jiġu stampati 1,500 kopja ta' ktejjeb li normalment jiġi pprovdut mill-Kunsill tal-lokalita` fejn tkun ser tittieħed l-inizjattiva. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li dan jiġi jiswa madwar €600.

15.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandhom jinkisbu stimi sabiex ikun jista' jagħti l-kontribut tiegħu.

### 16.1. Korsijiet dwar ħiliet għal ħajja aħjar – Rajk f'Idejk (E/3/2/Vol II)

16.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarfet li l-Kumitat Reġjonali qed jaħdem flimkien mal-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali u l-organizzazzjoni Home Economist in Action sabiex isiru korsijiet ta' għaxar sessjonijiet ta' sagħtejn-il waħda, dwar ħiliet għal ħajja aħjar. Ir-Reġjun tat-Tramuntana qed jistaqsi dwar jekk il-Kunsilli li jaqgħu taħtu għandhomx il-faċilitajiet biex isiru dawn il-korsijiet, bħal sala bi kċina magħha eċċ.

16.3. Billi l-faċilitajiet meħtieġa jeżistu fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, kien hemm qbil li s-servizz mitlub għandu jingħata.

**17.1. Attrezzi fil-Klinika tal-i*Speech Therapist* tal-Gvern (M/8/Vol V)**

17.2. Il-Kunsillier J. Attard għarraf li nbidlet l-i*speech therapist* li kienet tattendi fil-berġa tal-Mellieħa u għaldaqstant sar *handing over* tal-*items* li kienu nxtraw mill-Kunsill. Huwa tenna l-ħtieġa li jinxtara kompjuter *tablet* mill-fondi tal-Kunsill sabiex jintuża mill-i*speech therapist* li tattendi fil-berġa tal-Mellieħa.

17.3. Il-Kunsill qabel li x-xiri ta' dan l-*item* jista' jiġi kkunsidrat mill-vot 3380 tal-*Community and Hospitality.*

**18.1. Dwal fl-Għajn tal-Mellieħa (R/2/3)**

18.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għad-deċiżjoni meħuda mill-Enemalta plc li ma tissupplixxiex l-elettriku għad-dwal ġodda li saru fl-*area* tal-Għajn tal-Mellieħa, minflok il-lampa li kien hemm qabel. Huwa qal li din id-deċiżjoni tikkontradixxi ħafna mal-mod kif jiġu trattati talbiet li jinvolvu postijiet fejn hemm il-*boathouses*.

18.3. Il-Kunsill innota l-punt imqajjem.

**19.1. Ħarġa għaċ-ċirklu (A/5/5/Vol VII)**

19.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet illi l-ħarġa li jmiss tkun fl-10 ta' Jannar 2014 u tkun għaċ-ċirklu li huwa armat il-Marsa. Hija appellat sabiex għal din id-darba biss it-trasport jitħallas mill-Kunsill

19.3. Il-Kunsill approva t-talba.

**20.1. Lezzjonijiet taż-żfin (E/3/1/8)**

20.2. Il-Kunsillier J. Gauci ppropona li l-kors tal-*line dancing* jitkompla fis-Sala tal-Komunita` fl-Iskola Primarja, peress li nhar ta' Ġimgħa s-sala tal-Kunsill qed tkun okkupata bil-lezzjonijiet tal-kompjuter.

20.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm il-ħlas jiġi aġġustat sabiex jirrifletti l-ispejjeż tas-Sala tal-Komunita`.

**21.1. Tiswijiet meħtieġa fi Triq il-Wilġa (D/3/1/Vol V)**

21.2. Il-Kunsillier H. Fenech ġibed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li jsiru tiswijiet fil-wiċċ ta' Triq il-Wilġa, peress li niżel bil-piż tal-vetturi. B'riżultat ta' dan qed jiffurmaw għadajjar tal-ilma kull darba li tagħmel ix-xita.

21.3. Ittieħdet nota sabiex issir spezzjoni fuq il-post mal-kuntrattur konċernat, sabiex ikunu jistgħu jsiru t-tiswijiet meħtieġa.

**22.1. Bini ta' kmamar 'l barra miż-żona tal-iżvilupp (P/5/8/Q)**

22.2. Il-Kunsillier H. Fenech aċċenna li qed jiġi nnutat illi żdied il-bini fl-ODZ. Bħala eżempju ssemmew żewġ postijiet fl-inħawi Tat-Tomna, qrib Triq il-Mellieħa. Huwa qal li jkun jista' jgħaddi ritratti tal-bini li rrefera għalih.

22.3. Il-Kunsill innota l-kummenti li saru u qabel li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-MEPA sabiex jiġi stabbilit dwar jekk humiex koperti bil-permess jew le.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fl-10.30pm u ġiet-aġġornata għal nhar it-Tlieta 13 ta' Jannar 2015 fis-7.00pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**